MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1290/2000/1

**Michelina Spiteri f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minorenni, Roderick Spiteri b'digriet tal-Qorti tat-18 ta' Settembru 2000.**

**vs**

**Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Hilda Ellul Mercer nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Anthony Spiteri b'digriet moghti fil-11 ta' Mejju 2000.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Peress illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Awissu 1968 (kopja tac-certifikat taz-zwieg annessa bhala Dok. "A");

Peress illi l-konvenut minghajr ebda raguni u ghal aktar minn sentejn abbanduna lil martu;

Peress Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti giet resa mpossibli minhabba servizzi, mohqrija, ngurji gravi, u theddid kommessi mill-konvenut fil-konfront ta martu, kif ukoll minhabba inkompatibilita` ta' karattru serja;

Peress illi z-zwieg issa tkisser b'mod irrimedjabbli tenut kont li z-zwieg ilu li gie ccelebrat ghal aktar minn erba' snin;

Peress illi prezentement l-attrici ghandha l-kustodja effettiva tat-tifel minuri Roderick Spiteri ta' 12-il sena u dan in forza ta' digriet moghti mis-Sekond'Awta ta' din il-Qorti fis-6 ta' Gunju 2000 - kustodja li kienet ilha tezercita *de facto* ghal diversi snin qabel id-digriet;
Peress illi l-attrici giet awtorizzata mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili biex tipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta' digriet moghti fis-6 ta' Gunju 2000 (kopja tad-digriet hawn annessa u mmarkata Dok. "B").

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lill din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija mputabbli unikament lill-konvenut;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri lill-attrici;

3. Tiffissa l-manteniment pagabbti lill-attrici u lill-imsemmi ibnu minuri u tordna lill-konvenut li ihallas lill-attrici skond il-modalitajiet li jigu prefissi minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Tordna illi l-fond konjugali ikun l-abitazzjoni esklussiva tal-attrici;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici**.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process;

Rat ir-rikors tal-attrici, tat-22 ta' Gunju 2000 fejn talbet lill-Qorti sabiex tinnomina lilha nnifisha bhala kuratrici *ad litem* ta' binha minuri Roderick, fl-atti ta' din il-kawza u fl-atti kollha relattivi u sussegwenti;

Rat id-digriet tal-4 t'Awissu 2000 fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'erbat ijiem zmien ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-konvenuti tat-18 t'Awissu 2000;

Rat id-digriet tat-18 ta' Settembru 2000 fejn il-Qorti tilqa` t-talba u tinnomina lill-attrici bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti tas-6 ta' Marzu 2001 a fol. 18 fejn gie eccepit:

1. Illi l-esponenti m'humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk qeghdin jirrizervaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom u l-provi fir-rigward fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol. 18 tal-process;

Rat il-verbali tal-14 ta' Gunju 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Deborah Farrugia bhala Assistant Gudizzjarju; tal-20 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti ssollecitat lill-Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi; tal-15 t'Ottubru 2002; tal-25 ta' Marzu 2003; u tal-21 ta' Mejju 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Mejju 2003.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistant Gudizzjarju tal-15 t'Ottubru 2001; tat-28 ta' Novembru 2001; tal-5 ta'

Frar 2002 fejn xehdet l-**attrici**; tal-14 ta’ Marzu 2002; tat-23 t’April 2002; tal-11 ta’ Gunju 2002; tal-15 ta’ Lulju 2002; tal-1 t’Ottubru 2002; tal-31 t’Ottubru 2001; tal-4 ta’ Dicembru 2002 fejn xehdet l-**attrici** in-kontro-ezami;

Rat in-nota tal-attrici tat-2 ta’ Novembru 2001 li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess, ta’ Raymond Spiteri u ta’ Sonia Spiteri;

Rat ir-rikors tal-attrici tal-4 ta’ Dicembru 2001 fejn talbet lill-Qorti sabiex tawtorizza l-produzzjoni tax-xhieda guramentati tal-minorenni Roderick Spiteri, *ai termini* tal-**artikolu 564**;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Jannar 2002 fejn il-Qorti tordna illi ssir in-notifika lill-kontro-parti li jkollha erbat ijiem zmien ghar-risposta;

Rat ir-risposta tal-konvenuti tas-6 ta’ Frar 2002 fejn jopponu it-talba ghall-ammissjoni bhala xhud tal-minuri Roderick Spiteri;

Rat id-digriet tas-7 ta’ Frar 2002 fejn il-Qorti tirrizerva li tipprovdi seduta *stante*;

Rat l-avviz tal-15 t’April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat ir-rikors tal-kuraturi tad-29 ta’ Jannar 2003 fejn talbu lill-Qorti sabiex taghti l-provvediment sabiex tidderigihom peress li l-esponenti qatt ma rnexxielhom jikkomunikaw mal-konvenut;

Rat id-digriet tad-29 ta’ Jannar 2003 fejn il-Qorti ordnat lill-konvenuti sabiex jaghmlu d-dikjarazzjoni necessarja u lill-Assistent Gudizzjarju sabiex tespleta l-inkarigu taghha u tirrimetti l-process ghall-finali trattazzjoni;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i). PROVI PRODOTTI.

Illi l-**attrici** fl-affidavit taghha ssostni:-

*"Illi jien iltqajt ma' Anthony Spiteri gimgha qabel il-Milied 1965 bdejn it-terminus tal-karozzi tal-linja l-Belt. L-gherusija taghna damet madwar tlett snin u nista' niddeskriviha bhala wahda normali. Eventwalment krejna post il-Kalkara u rrangajnih sabiex nibdew nghixu fih. Izzewwigna fit-18 ta' Awissu 1968 meta jien kelli tmintax-il sena u r-ragel erbgha u ghoxrin.*

*Illi fid-19 ta' April 1969 twieled l-ewwel tifel taghna, Raymond u fis-17 ta' April 1970, twieldet Magdalene.*

*Illi fl-1972 morna l-Libja fejn ir-ragel kien jahdem bhala Manager ma' kumpanija li kienet timpjega l-Maltin. Jien kont naghmel xi xoghol 'l hawn u 'l hemm. Ghamilt xi sena nghix bejn Malta u l-Libja.*

*Illi fl-1981 bnejna post iz-Zurrieq u fil-15 ta' Jannar 1982 twieldet Sonia. Jien ma bqajtx nitla` l-Libja izda bqajt Malta bit-tfal minhabba l-fatt illi ridthom jigu edukati hawn Malta. Ir-ragel baqa` jahdem il-Libja. Sa hawn ma kenux inqalghu problemi bejnietna u konna nghixu hajja mizzewga normali hafna.*

*Illi wara sitt (6) snin, meta jien kont tqila b'Roderick, li twieled fil-5 ta' Frar 1988, bdew jitwieldu l-ewwel poblemi billi gie Marixxal tal-Qorti li qalli li r-ragel kellu dejn ta' ghoxrin elf lira Maltin. Ir-ragel qalli biex ma naghtix kaz. Hu ma baqax jitla' l-Libja f'dan il-perjodu.*

*Illi wara t-twelid ta' Roderick l-affarijiet bdew sejrin dejjem lura. Ir-ragel beda johrog jixrob u jdum barra sa ma fl-ahhar beda jaghmel iljieli u granet shah barra, kultant jumejn jew tlieta.*

*Illi hu kien jidhol fis-sakra u bdejna niggieldu aktar ta' spiss. Hu kien joffendini u jinsulentani, sahansitra b'familjari stretti tieghi fosthom ommi, billi kien jaf li din kienet tghini. Sahansitra darba, waqt glieda kien taghni daqqa ta' harta fuq wicci u hallielli marka. Sesswalment ir-relazzjoni taghna marret lura wkoll u xejn ma kien baqa` naturali. Kemm jista` jkun ma kontx nuri lit-tfal b'dan il-glied billi ma ridtx ninkwethom.*

*Illi kienu ukoll bdew jigu n-nies id-dar jghiduli minhabba d-djun Ii kellu r-ragel. Ghaldaqstant, f'dak iz-zmien, cjoe' 1992, ghamilna kuntratt quddiem in-nutar Gafa sabiex nxolju l-kommunjoni tal-akkwisti billi jien kont nibza, gustifikatament li kien qieghed jitghabba b'hafna djun. Fil-fatt sussegwentement jien kelli niffirma xi karti sabiex tinbiegh id-dar biex jigu saldati d-djun tar-ragel.*

*Illi hawnhekk ahna morna nghixu f'appartament imwarrab fis-Salini. It-tfal il-kbar kienu zzewgu u ghaldaqstant kien baqghu maghna biss Sonia u Roderick. Meta kona nghixu f'dan l-appartament ir-rage! sparixxa ghal madwar xahar u fil-fatt sirna nafu li kien siefer il-Germanja u jien bqajt nghix wahdi m' uliedi. Ma nafx x'kien mar jaghmel il--Germanja, pero' kien halliena wahedna minghajr flus u jien ma stajtx nahdem minhabba uliedi z-zghar Ii kellhom bzonn certa attenzjoni. Fil-fatt kieku ma kenitx ghall-ghajnuna ta' Raymond ahna sahansitra ma konniex inkunu nistghu nieklu.*

*Illi eventwalnient, wara xi tlett xhur, morna nghixu ghal zmien qasir f' San Gwann, sa ma fl-ahhar morna nghixu fl-appartament li jien ghadni nokkupa sal-gurnata ta' llum fil-Marshall Court, il-Gzira. Dan l-appartament kien almenu miljorament fuq dawk precedenti.*

*Illi madankollu l-komportament tar-ragel sahansitra iddeterjora. Baqa` johrog u jisker u jdum il-granet shah barra. Jien m'ghandiex provi ghax ma kontx nkun mieghu pero' nemmen Ii hu kien jilghab il-flus fil-loghob ta' l-azzard billi n-nies Ii kien jifrekwenta kienu maghrufin ghall-Ioghob ta' l-azzard. Rigward infedelta' jien m'ghandiex*

*provi u qatt ma sibt ebda evidenza li tissugerixxi dan u ghaldaqstant ma tantx kelli suspetti ghalkemm ma nistax neskludi xejn.*

*Illi hajjitna kienet saret insopportabbli billi l-ftit hin li hu kien jaghmel id-dar kien ikun fis-sakra u konna nkunu qeghdin niggieldu. Hu ma kienx jiehu hsieb il-familja u kelli nipprovdi kollox jien bl-ghajnuna ta' Raymond. Madanakollu nixtieq nzid li hu qatt ma haqar lit-tfal fizikament ghalkemm ma kienx jiehu hsiebhom assolutament.*

*Illi f'Mejju 1997 ir-ragel sparixxa izda din id-darba ghal zmien aktar twil mis-solitu. Jien cempilt lil huh li qalli li ma kien jaf b'xejn u wissieni sabiex ma ncempilx lill-Pulizija. Madanakollu cempilt u qaluli li kien mar l-Italja b'one way ticket' fis-26 ta' Mejju 1997.*

*Illi minn dakinhar qatt ma rega` resaq lejn id-dar jew ipprovda ghall-familja. Kien icempel fil-bidu fejn kien ikellem lit-tfal u kien jipprova jevita li jkellem tul. Kien qal lit-tfal sabiex jghiduli ma niehux hsiebu.*

*Illi jien kelli nibda` nghix fuq ir-relief billi wara certu zmien kien qata' t-telefonati u kien evidenti illi mhux ser jirritorna. Ma stajtx nahdem u kelli nipprovdi ghall-ispejjez tat-tfal, fosthom dawk ta' l-edukazzjoni u tal-iskejjel privati, minbarra l-hwejjeg u l-ikel. Tajjeb nerga` ntenni li l-ghajnuna ta' Raymond f'dan l-istadju kienet indispensabbli.*

*Illi xi nies baqghu jigu sabiex jien inhallas id-djun izda wara xi zmien waqfu. Jien ghadni f'dan l-istat sal-gurnata tal-llum. Roderick ghadu fil-fatt minorenni u irid nipprovdilu ghal hafna mill-bzonnijiet jien. Il-kbir ghadu jghin u jaghmilha ta' missier ghall-uliedi z-zghar."*

Illi **Roderick Spiteri** fl-affidavit tieghu jghidi:-

*"Illi jien twelidt fid-19 ta' April 1969, l-ewwel tarbija li kellhom il-genituri tieghi. Meta kont zghir il-genituri tieghi*

*kienu ta' spiss jitilghu l-Libja billi missieri kien jahdem ma' kumpanija illi kienet ittella` l-Maltin il-Libja. L-ewwel memorji tieghi jien niftakarni noqghod ghand in-nanna filwaqt illi ommi u missieri kienu jkunu hemm. Wara ftit bdejt immur maghhom u bdejt immur skola l-Libja. Jien gejt lura Malta mal-genituri tieghi ghall-habta li kont ser intemm l-istudji tieghi ta' Form I izda ma niftakarx ezattament is-sena.*

*Illi ma niftakarx illi ommi u miissieri kellhom xi problemi f'dawk iz-zminijiet. Ghall-habta ta' meta twieled l-izghar fost huti, Roderick, niftakar illi missieri ma baqax immur il-Libja izda baqa' hawn Malta.*

*Illi dak iz-zmien kelli dsatax-il sena. Niftakar li qabel ma dhalt is-sixth form kont ghamilt sena nahdem fil-kumpanija ta' missieri, Alpha Aluminium. Il-kumpanija kienet avvjata mhux hazin.*

*Illi jien ma kontx naf bil-problemi finanzjarji li kien dahal fihom missieri billi huma kienu jahbu hafna minna. Niftakar pero', illi l-haddiema kienu jgorru ghax ma kenux jithallsu prontament u jien kont nahseb illi dan kien jigri semplicement ghax missieri ma kienx jilhaq ihallashom fil-hin billi kien ikun impenjat.*

*Illi llum, b'aktar esperjenza, ninduna li kellu ukoll l-problema tal-alkohol zejjed. Il-genituri kienu jahbu l-problemi taghhom minna izda jien niftakar li hu kien jigi tard u fis-sakra. (Fil-fatt sahansitra ghamel iljieli ma jersaqx lejn id-dar). F'xi okkazjonljiet iggieldu quddiemi. Hu kien ikun fis-sakra u ommi ma kenitx tapprezza. Kienu jinsulentaw lil xulxin u billi kien ikun fis-sakra missieri ma tantx kien jizen kliemu.*

*Illi jien ma kontx naf illi d-dar taz-Zurrieq kienet suggetta ghad-djun. Sirt naf eventwalment li missieri kien 'bankrupt'.*

*Illi fl-1994 izzewigt, xi sentejn wara ohti Magdalene. F'dan iz-zmien ommi kienet tghix ma' huti f'appartament fis-Salini, post maqtugh minn kullimkien u ikrah. F'dan iz-*

*zmien missieri kien sparixxa wara skoprejna ill kien siefer. Wara marru San Gwann. Eventwalment marru jghixu f'appartament ahjar fil-Gzira, l-Marshall Court, fejn ghadhom jghixu llum. Jien kont nghin lil ommi mill-ahjar li nista' billi altrimenti ma kenitx tista' tghix b'huti billi missieri ma kienx jahseb ghall-bzonnjiet taghhom. Niftakar li meta marru jghixu f'dan il-post jien kont bnejt il-kcina u ghaddejt id-dawl. Missieri lanqas kien deher lejn id-dar f'dan iz-zmien. Illi huwa ukoll kien naqas li jghin meta kienet inqalghet problema domestika sinifikanti billi ohti kienet bdiet tohog ma' persuna Libjana u ahna ma tantx hadna gost. Ohti kienet distruttta dak iz-zmien u missieri ma kien jaf b'xejn.*

Illi jien niftakar li dak iz-zmien indunajt bi problemi ohrajn li kellu missieri bhal ma kienu nies jigru warajh minhabba djun. Dawn sahansitra bdew jigu fuqi ghax ma kenux jafu fejn hu missieri;
*Illi ppruvajt inkellem lil missieri sabiex isolvi l-poblemi tieghu izda kien jghidli illi mhux facli ssolvi dawn il-problemi malajr.*

*Illi fl-1997 missieri hareg u din id-darba ghamel zmien itwal ma jersaq lejn id-dar. Ommi qaltli illi kien ha xi hwejjeg u li kienu sparrixxew xi flus li kellhom mohbijin. Ahna sirna nafu mill-Pulizija li hu kien telaq minn Malta lejn l-Italja. Kien icempel u jitlobni biex nghatih xi flus u jien, ovvjament, ma kontx naghtih.  Wara ftit ma baqax icempel.*

*Illi jien nipprova nghin billi nipprovdi xi ikel u xi affarijiet zghar bhal skrivanija ghal hija billi m'ghandhom xejn. Nemmen illi missieri telaq minhabba d-djun li kellu."*

Illi fl-affidavit taghha **Sonia Spiteri** tghid:-

*"Illi jien ghandi twelidt fil-15 ta' Jannar 1982 u ghandi dsatax-il sena. Meta kont zghira kont nghix mal-genituri tieghi z-Zurrieq.  Wara xi ftit zmien tlaqna u morna nghixu s-Salini, f'appartament. Jien kont nghix ma' hija Roderick u mal-genituri tieghi billi huti l-kbar kien zzewgu. Niftakar*

*sew illi missieri kien sifer ghal zmien twil u ma kien qalilna xejn.*

*Illi jien niftakar xi glied bejn il-genituri tieghi. Dan kien jigri ghax missieri kien ikun dejjem fis-sakra u kien jigi dejjem tard, jekk kien jigi billi gieli ghamel granet shah barra. Illi ma kien jaghti kaz ta' xejn u ma kien jipprovdi xejn. Hija Raymond kien fil-fatt jipprovdi ghalina.*
*Illi ghal xi zmien morna nghixu San Gwann sa ma fl-ahhar morna noqghodu l-Gzira fejn ghadna nghixu sal-gurnata ta' llum. Missieri baqa` jigi fis-sakra u jaghmel l-iljieli barra. Huma ma tantx kienu jiggieldu fil-prezenza taghna.*

*Illi darba niftakar illi missieri wassal lil hija Roderick mill-iskola u ma regax resaq lejn id-dar. Ahna nkwetajna u bdejna nhoss rubna strambi hafna. Eventwalment, xi tlett ijiem wara, sirna nafu mill-pulizija, Illi hu kien telaq minn Malta ghall-Italja b' one way ticket.*

*Illi niftakar li kienu jigu xi nies ihabbtu minhabba xi djun illi kien ghamel il-papa` izda dawn ma tantx baqghu jigu wara Ii hu kien telaq. Finanzjarjament kien jghina Raymond billi missierna ma kien jipprovdi xejn."*

Illi minbarra dan xehdet l-attrici fil-5 ta' Frar 2002 in kontro-ezami fejn affermat li l-ahhar li rat lill-konvenut kien fil-25 ta' Mejju 1997 u fil-fatt ghamlet rapport lill-Pulizija dwar dan kif jidher mid-Dok. "DB1" a fol. 51 tal-process. Bazikament ikkonfermat dak kollu li kienet xehdet fl-affidavit.

Illi fl-4 ta' Dicembru 2002 kompliet tixhed in kontro-ezami li gieli irceviet telefonati mill-Libja mindu telaq u ghalhekk ghamlet in-numru tat-telefon *ex directory.* Illi fl-24 ta' Dicembru 1999 kien cempel id-dar u kien qalilha li kien gej Malta siegha wara. Marret l-airport mat-tlett itfal u ratu niezel lambranzetta ma' ragel Malti u mar jghix go lukanda. It-tifel hallaslu l-istess hotel skond kif jirrizulta minn Dok. "TA 1" u Dok. "TA 2" a fol. 52 tal-process. Wara erba' t'ijiem wasluh l-airport. Tahseb li ratu isuq karozza numru LEK 115 fit-12 ta' Novembru 2002 u l-istess fis-26 ta' Novembru 2002.

**ii). APPREZAMENT TAL-PROVI.**

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn l-attrici qed titlob li tigi ddikjarata l-firda personali ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut u mill-provi fuq prodotti jirrizulta bla ebda dubju li din it-talba ghandha tigi milqugha *stante* li l-istess konvenut mhux biss abbanduna lill-familja f’Mejju 1997 bla ebda raguni valida, izda litteralment immaltratta lil martu billi naqas li jmantniha, kif lanqas mantna lill-uliedu ghal zmien twil, anke peress li jidher li kellu xi vizzju, probabbilment tal-loghob tal-azzard, billi imtela’ tilja djun u diversi nies kienu ifittxuh sabiex ihallashom. Kawza t’hekk saret id-divizzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, izda xorta wahda l-istess konjugi Spiteri kellhom ibieghu d-dar taghhom sabiex jissodisfaw id-dejn tal-konvenut, u llum jghixu f’post mikri.

Illi jirrizultali l-istess konvenut kellu l-vizzju tax-xorb ukoll u spiss kien jidhol id-dar fis-sakra u mhux l-ewwel darba li mmaltratta lill-attrici billi offendiha, u ghalhekk m’hemm l-ebda dubju li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha peress li l-istess konvenut abbanduna lill-attrici, u wkoll kien hati lejha ta’ mohqrija, ngurji gravi u theddid, kif ix-xhieda fuq riprodotta turi b’mod mill-iktar car.
Illi m’hemm l-ebda dubju li l-kura u l-kustodja tal-minuri Roderick ghandha tigi fdata f’idejn l-attrici.

Illi jidher u jirrizulta mill-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Mejju 2003 li l-fond fejn qed tabita l-attrici 51, Block C, Marshall Court, Manoel Street, Gzira jinsab mikri, u ghalhekk l-istess Qorti tordna li l-istess kera tibqa’ tghajjat esklussivament lill-attrici u b’dan ukoll li skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 55A tal-Kap 16** l-istess fond ikun l-abitazzjoni esklussiva tal-attrici u l-istess minuri ad esklussjoni tal-konvenut.

Illi filwaqt li l-hames talba attrici ghandha tigi milqugha wkoll b’dan li d-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kap 16** ghandhom jigu applikati fil-konfront tal-konvenut bid-data meta l-istess ta lok ghall-firda tkun dik ta’ tal-25 ta’ Mejju 1997, izda ghalkemm l-attrici ghandha dritt ghaliha u

ghall-istess minuri, li tezigi l-hlas ta' manteniment minghand il-konvenut, peress li ma jidhirx li gie ppruvat li l-istes konvenut ghandu xi mezzi jew intorjtu, tali manteniment ma jistax jigi la likwidat u lanqas allura ordnat.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma inkompattibli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba li l-istess konvenut kien hati verso l-attrici t'abbandun, sevizzi, mohqrija, ngurji gravi u theddid, u dan b'mod li l-istess zwieg tkisser ukoll irrimedjabbilment u dan ghar-ragunijiet fuq imsemmija mputabbli unikament lill-konvenut;

2. Takkorda l-kura u l-kustodja tat-tifel minuri Roderick lill-attrici bla ebda dritt ta' access lill-konvenut;

3. Tiddikjara li l-istess attrici ghaliha u ghal binha, ghandha dritt ta' manteniment pero' peress li ma ingabet l-ebda prova li l-istess konvenut ghandu xi mezzi jew introjtu, l-istess manteniment ma jistax la jigi likwidat u lanqas ordnat li jithallas mill-konvenut, u ghalhekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba b'dan li jibqa' rizervat lill-attrici proprju et nomine li tressaq tali talba eventwalment jekk ic-cirkostanzi jippermettu.

4. Tordna illi l-fond konjugali numru 51, Block C, Marshall Court, Manoel Street, Gzira, ikun l-abitazzjoni esklussiva tal-attrici u tal-istess minuri bl-esklussjoni tal-konvenut, b'dan li l-kera tal-istess ghandha tkun biss fuq l-attrici;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 48 tal-Kodici** u tiddikjara ghall-fini tal-**artikolu 48 (1) (c)** li l-istess konvenut ta raguni ghall-firda personali b'effett mill-25 ta' Mejju 1997.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, filwaqt li l-kuraturi deputati ghandhom jithallsu skond il-ligi.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------